# FONZU JISTIEDEN LILL-ĦBIEB GĦALL-IKEL

**Kitba ta' Suzanne Piscopo. Stampi ta' Michael Piscopo.**

Minn ċkunitu Fonzu l-Fenek dejjem kien iħobb isajjar. M'ilux sab riċetta ta' torta ftit differenti mis-soltu u l-ġimgħa l-oħra ippruvaha. Ġiet vera tajba u għalhekk iddeċieda li jerġa' jsajjarha u jistieden lill-ħbiebu Lola n-Nannakola u Miċu l-Qattus għall-ikel biex idewwaqielhom.

Is-Sibt filgħodu Fonzu xtara l-ingredjenti kollha li kellu bżonn. L-ewwel mar is-Suq tal-Bdiewa biex jixtri ħaxix lokali u fl-istaġun. Imbagħad mar jixtri r-ross, l-irkotta u l-bajd. Ir-ross xtrah tat-tip *Fair Trade* -- jiġifieri l-bidwi li kabbar ir-ross kien tħallas kif jistħoqqlu u s-saħħa tal-ambjent u tal-kommunità fejn kien jgħix kienet qed tiġi mħarsa. Fonzu kien tgħallem l-iskola kif jagħraf is-simbolu li juri li oġġett hu tassew *Fair Trade*.




Wara nofsinhar Fonzu beda jsajjar. L-ewwel ħasel il-ħaxix kollu li kellu bżonn. Imbagħad qaxxar il-karrotti u l-pitravi u ħakkhom, u qatta' l-faqqiegħ flieli rqaq u l-qarabagħli roti roti.

Wara tefa' kemm kellu bżonn ross u ilma ġo borma u għattiha bl-għatu. Fonzu kien sema' li jekk tgħatti l-borma, mhux biss l-ikel isir iżjed malajr, imma anke ma' taħlix daqshekk gass. "Aħjar inbaxxi l-fjamma wkoll," qal Fonzu bejnu u bejn ruħu.



X'ħin ir-ross kien lest u msoffi, Fonzu beda jifforma t-torta. Ġo dixx tal-forn l-ewwel għamel saff ross, imbagħad saff qarabagħli, saff karrotti, saff irkotta, saff pitravi u saff faqqiegħ. Għafas kollox 'l isfel bil-mod bl-imgħarfa u rega' beda jibni saff saff. Fl-aħħar ħabbat żewġ bajdiet u ferrixhom fil-wiċċ. Imbagħad xegħel il-forn u daħħal it-torta. Sadanittant rama l-mejda għall-ikel u fin-nofs żejjen bi skutella frawli.

Bilkemm kien laħaq neża' l-fardal meta ħabbat il-bieb! Kienu waslu Lola u Miċu. Fonzu ħadhom fil-kamra tal-ikel u ferragħlhom ftit luminata friska li kien għamel bil-lumi mis-siġra tiegħu stess. Imbagħad qagħdu jitkellmu ftit.

Trinnn! It-tlieta li huma qomsu. "Dak l-alarm tal-forn," qal Fonzu bid-daħka, "L-ikel lest!"

Fonzu mar ġab it-torta u qiegħedha fuq il-mejda. "Kemm tfuħ u kemm ħi kkulurita," qalet Lola hekk kif Fonzu newlilha biċċa. "Qisha l-qawsalla," kompla Miċu. It-tlett iħbieb bdew jieklu u Fonzu spjegalhom ir-riċetta. Lola u Miċu ma waqfux jgħidulu prosit u Miċu anke ħa biċċa żgħira oħra daqskemm għoġbitu! Wara, kulħadd ħa ftit frawli bħala deżerta.